Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,806, 22 ta' Ġunju, 1999
Taqsima B

A.L. 113 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1999 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1999 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet) (Nru. 2). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbilitajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1999 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artikolu. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'biċċa art fix-Xewkija, Għawdex, flimkien mal-bini hemmhekk mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. No. 12/97, liema pjanta ġiet transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fis-7 ta' Mejju, 1997. Deskrizzjoni.